MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 729/1988/2

**Vincent Azzopardi**

**v.**

**Anthony Cassar u Dr. George Cassar LL.D. fil-kwalita` taghhom ta' Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Sartard Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata fis-7 ta’ Lulju, 1988 quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc l-attur ippremetta illi huwa ghandu l-mestier ta’ bughaddas u fis-17 (sbatax) ta’ Jannar 1985, gie msejjah mid-ditta konvenuta (allura Sartard Ship Breakers Limited) sabiex jassisti fl-operazzjoni tas- ‘salvage’ tal-vapur “ARGONAFTIS”, wara li din fis-16 ta’ Jannar 1985, minhabba l-maltemp li kien qed jahkem il-gzira ta’ Malta dakinhar, sabet ruhha f’diffikultajiet u periklu meta kienet il-barra mill-Port il-Kbir; illi bl-intervent ta’ l-attur u diversi nies ohra, l-imsemmi vapur gie ‘salvaged’ u d-diversi pretensjonijiet ghall-kumpens gew sottomessi lill-arbitru Richard Frederick Stone, ta’ nazzjonalita` Ingliza; peress illi, fil-fatt, gew sottomessi tlett pretensjonijiet; wahda minn Tug Malta Limited, l-ohra mill-Pilots and Mooring Men u l-ohra mid-Dipartiment tal-Portijiet, minn Sea Malta Company Limited, mill-Malta Drydocks u mid-ditta konvenuta flimkien; illi l-pretensjoni ta’ l-attur, bhala li ha parti fl-operazzjoni ta’ salvatagg, giet imressqa quddiem dan l-arbitru bhala parti mill-‘claim’ tad-ditta konvenuta, u dan b’arrangament bejn il-kontendenti; illi x-xoghol principali ta’ l-attur kien li jsodd toqob li rrizultaw fil-‘hold’ numru tlieta ta’ l-imsemmi vapur, sabiex l-istess ‘hold’ ikun jista’ jigi svojtat mill-ilma u l-‘buoyancy’ tal-vapur livellat; illi l-imsemmi Richard Frederick Stone ippresenta l-‘award’ tieghu fl-10 (ghaxra) ta’ April, 1986, u, fl-‘award’ l-imsemmi arbitru ddeskriva x-xoghol ta’ l-attur bhala “the bravest single act of the services” (ghar-ragunijiet ta’ l-’award’ li kopja tieghu qed tigi hawn esebita bhala Dok. A); illi s-somma globali ta’ l-‘award’ kienet ta’ £612,544 (sitt mija u tnax-il elf hames mija erbgha u erbghin liri sterlini) li minnhom LM106,150 (mija u sitt elef, mija u hamsin liri sterlini) inghataw lil Tug Malta Limited, £17,370 (sbatax-il elf tlett mija u sebghin liri sterlini) lill-Pilots u l-Mooring Men, u l-bilanc favur id-Dipartiment tal-Portijiet, Sea Malta Company Limited, Malta Drydocks u d-ditta konvenuta li flimkien ressqu t-tielet pretensjoni ghall-kumpens relattiv; illi dan l-‘award’ gie konfermat fi stadju ta’ appell, fis-17 (sbatax) ta’ Dicembru 1986, mill-arbitru Gerald Ralph Auchinleck Darling, ukoll ta’ nazzjonalita` Ingliza, kif jidher minn kopja ta’ l-‘award’ tieghu li qed tigi hawn esebita u markata Dok. B; illi l-ammont li gie likwidat

favur id-ditta konvenuta hu ta' $218,750 (mitejn u tmientax-il elf seba' mija u hamsin dollari Amerikani) ekwivalenti ghall-LM74,341.54,6 (erbgha u sebghin elf tlett mija wiehed u erbghin liri Maltin erbgha u hamsin centemu u sitt millezmi), jew somma ohra verjuri kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi wara dan l-'award', l-attur avvicina lid-ditta konvenuta sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tal-kumepns dovut lilu, a bazi u fuq proporzjon tas-somma li giet effettivament likwidata favur id-ditta konvenuta; illi d-ditta konvenuta ma riditx taghmel dan qabel ma l-attur jaccetta li hu kellu jitqies bhala "impjegat" taghhom ghall-matul l-operazzjonijiet tas-'salvage', principju li ma giex accettat mill-attur, li mhux impjegat mad-ditta konvenuta u li jippretendi kumpens bazat fuq "quantum meruit" bhala proporzjon ta' l-ammont likwidat favur id-ditta konvenuta (ara kopja ta' korrispondenza li giet skambjata bejn il-partijiet, hawn esebiti u markati Dok. C sa Dok. K); dan premess l-attur talab li, prevja d-dikjarazzjoni li l-attur bhala bughaddas, ippartecipa attivament fl-operazzjoni ta' 'salvage' tal-vapur "ARGONAFTIS" bejn is-16 (sittax) u t-18 (tmintax) ta' Jannar 1985, u, ghalhekk, indipendentement minn kwalsiasi konsiderazzjoni ohra, ghandu dritt 'de proprio' ghal partecipazzjoni mill-kumpens tas-'salvage' imhallas minn min ibbenefika u ha vatagg mix-xoghol tieghu, il-konvenuti jghidu ghaliex:-

1) m'ghandux jigi likwidat il-kumpens dovut lill-attur ghal din il-partecipazzjoni, liema kumpens ghandu jirrifletti n-natura, il-perikolozita` u l-importanza tax-xoghol imwettaq mill-attur, u mahdum bhala proporzjon ta' l-ammont li jigi dikjarat li gie likwidat favur id-ditta konvenuta; u

2) m'ghandhomx il-konvenuti nomine jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-4 ta' Jannar 1988, u bl-interessi legali mis-17 ta' Dicembru 1986, kontra l-konvenuti nomine li huma ingunti ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fil-11 ta’ Awissu 1988, is-socjeta` konvenuta eccepiet:-
1. In-nullita` tac-citazzjoni peress li din m’hix akkompanjata mid-depozitu rikjest mill-inciz 8(1)(a) tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Minghajr pregudizzju ta’ l-ewwel eccezzjoni, l-azzjoni odjerna hija preskritta skond l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.

3. Salvi u impregjudikati l-eccezzjonijiet hawn fuq moghtija, it-talbiet ta’ l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

**Is-sentenza appellata.**
Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza tat-30 ta’ April 2003, billi laqghat it-talbiet attrici u wara li llikwidat l-ammont dovut lill-attur ghal partecipazzjoni tieghu fl-operazzjoni ta’ salvatagg fis-somma ta’ US$54,687 (ekwivalenti ghal liri Maltin skond ir-rata tal-kambju fid-data tal-pezentata tac-citazzjoni), ikkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma hekk likwidata; u kkundannat lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez kollha u l-imghax mid-data tas-sentenza sa l- eventwali pagament u dana wara li qalet hekk:

“Illi hemm qbil bejn il-partijiet li l-kwistjoni principali f’din il-kawza hija il-quantum tal-kumpens li ghandu jinghata lill-attur ghas-sehem li ta fl-operazzjoni ta’ salvatagg tal-vapur “ARGONAFTIS” f’Jannar 1985. Il-partijiet jaqblu wkoll li sehem l-attur f’din l-operazzjoni ta’ salvatagg kien konsiderevoli u li huwa wettaq att kuragguz (ara arbitration award) izda l-konvenuti nomine jsostnu li l-attur hadem fi hdan operazzjoni mmexxija minnhom u li huwa ma setax jopera minghajr l-istruttura li pprovdew huma u minghajr id-direzzjoni ta’ Charles Cassar; filwaqt li l-attur jirritjeni li sehemu kien indispensabbli ghall-operazzjoni ta’ salvatagg u ghall-ammont li s-socjeta` konvenuta hadet bhala salvage money. Hu jsostni li ghalhekk hu intitolat

ghal parti mill-award u mhux biss il-prezz tax-xoghol li ghamel.

**“PROVI**

“Illi mill-provi prodotti u precizament mil-arbitration award li jinsab esebit a fol. 6 et sequitur tal-process jirrizulta li kien hemm diversi partijiet li hadu sehem fl-operazzjoni ta’ salvatagg in kwistjoni, liema operazzjoni giet terminata b’success, u cioe` id-Dipartiment tal-Portijiet, il-Malta Drydocks, is-Sea Malta Co Limited, il-Harbour Master u ovvjament is-socjeta` konvenuta. Mir-rapport ta’ l-arbitru, liema rapport gie anki konfermat fi stadju ta’ appell, jirrizulta li Sartard Limited ikkontribwit kwantita kbira ta’ ingenji u pjan ta’ salvatagg fl-operazzjoni ta’ salvatagg. F’paragrafu 9 tal-konsiderazzjonijiet tieghu l-arbitru jghid hekk:

“***When Mr C. Cassar, the Technical Director, arrived he was asked to assemble the following equipment: 4 cranes of 12, 30, 35 and 40 tons load, 3x44 diesel, 1x6 diesel petrolpumps, a tractor unit, generator, welding machine, cutting gear and a quantity of ropes”.***

“Sartard inoltre pprovdew madwar tletin ruh fl-operazzjoni ta’ salvatagg, fosthom, mastrudaxxa li kienu fuq il-post sabiex jaqtghu il-‘wedges’ li ntuzaw sabiex tinsadd it-ticrita li kien hemm fil-genb tal-bastiment. Is-socjeta` konvenuta hejjiet ukoll pjan ta’ kif kellha ssir din l-operazzjoni bl-ghajnuna tal-Harbour Master u wara li nghatat informazzjoni dwar fejn kienet tinsab it-ticrita mill-Kaptan u mill-Owners’ Superintendent. Dan il-pjan kien necessarju sabiex jassisti lil bughaddas, u cioe` l-attur, li nizel taht il-bastiment u beda jpoggi l-bicciet ta’ l-injam fit-ticrita. Charles Cassar kien qed jiddirigieh u jaghtih l-istruzzjonijiet u kien ukoll qed jikkoordina l-affarijiet mal-haddiema li kienu jinstabu fuq l-art. L-arbitru jikkunsidra li “Sartard supplied two essential elements in the services …. They supplied the cranes …. They supplied the diver, Mr Azzopardi, who with great courage was prepared to go under the low side of the heavily listed ship”.

“Il-Harbour Master, Kaptan Anand Dayal, li skond l-arbitru ta kontribut konsiderevoli fl-operazzjoni ta’ salvatagg – “The Harbour Master with his master’s certificate, sea going experience and knowledge of the harbour gave invaluable direction and advice throughout the services. His guiding hand is to be seen in a number of important stages in the services….”, - fix-xiehda tieghu tad-29 ta’ Mejju jghid li

***“The ship was going down and the only way to save the ship at that time was to send the diver down in the sea under the bottom of the ship and find what damage was there and how we can block the damage ….”***

“Dan ix-xhud jghid li huwa kien spjega lill-attur li l-operazzjoni ta’ salvatagg li kien ser jeffettwa kienet ferm perikoluza ghaliex waqt li huwa, u cioe` l-attur, kien ser ikun taht l-ilma “*the ship might capsize and he get trapped in it and despite my saying, he undertook to go down.*” Il-Harbour Master jiddeskrivi l-operat ta’ l-attur b’dan il-mod “*he was very competent and he contributed a lot to the salvage of the ship ….. I think his act was one of the greatest acts of bravery*” izda dan x-xhud ikompli jghid li l-attur “*was not the principal cause of the salvage but he gave a lot of contribution. He was one of the persons who contributed towards the success.*”

**“Konsiderazzjonijiet**

“Illi f’sentenza ta’ din il-Qorti kif presjeduta tat-28 ta’ Frar 2001, fil-kawza fl-ismijiet ‘Marine Services Limited vs Captain Morgan Leisure Limited u l-vapur Charlotte Louise’ (Citazzjoni numru 2796/97 GV) gie stabbilit li r-rekwiziti ta’ salvatagg huma s-segwenti:-

*“The service must be rendered to a legally recognised subject of salvage, that is to say, their apparel, cargo and merchandise, bunkers, wreck and so called freight at risk;*

*The service must be voluntary;*

*The subject of the salvage must be in danger and*

*The service must be successful."*

"Illi fil-kaz odjern m'hemmx dubbju li dawn l-erba' rekwiziti jezistu u m'hemmx kontestazzjoni dwar dan u ghalhekk m'huwiex necessarju li dawn ir-rekwiziti jigu ezaminati ulterjorment.

"Fl-imsemmija sentenza jinghad ukoll li l-fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi likwidat jew kwantifikat l-ammont li jinghata bhala salvage money huma s-segwenti:-

*"In determining the amount or the apportionment of salvage, the court shall have regard to:*

*"The measure of success obtained and the efforts and deserts of the salvor;*

*The danger run by the vessel saved, by her passengers, crew and cargo;*

*The danger run by the salvor and the salving vessel; the time expended, the expenses incurred and the losses suffered, and the risks of liability and other risks run by the salvors, and also the value of the property exposed to such risks, due regard being had to the special appropriation, if any, of the salvor's vessels for salvage puopses;*

*The value of the property saved."*

(Ara Merchant Shipping Act Art 345(2)).

"Illi in kwantu jirrigwarda l-kaz odjern m'hemmx dubju dwar il-vaur tal-bastiment li jifforma s-sugget ta' l-operazzjoni ta' salvatagg. Fir-rapport ta' l-arbitri Inglizi dan gie indikat li kien jiswa` madwar US$1,800,000.

"Jidher ukoll li l-attur kien l-unika persuna involuta fl-operazzjoni ta' salvatagg li pperikolat serjament hajjitha

sabiex teffettwa s-salvatagg. Dan irrizulta kemm mir-rapport ta’ l-arbitru u aktar u aktar mix-xiehda tal-Harbour Master li giet citata aktar ’il fuq.

“Irid jinghad izda li l-attur kien qed jahdem fi hdan team ta’ nies u li l-operat tieghu ma kienx ikun possibbli minghajr id-direzzjoni li pprovda Charles Cassar u minghajr l-ingenji u l-‘mano d’opera’ li pprovdew il-konvenuti nomine. Fil-fehma tal-Qorti l-attur ikkostitwixxa l-ghodda principali sabiex irnexxiet l-operazzjoni ta’ salvatagg moghtija mill-konvenuti nomine izda ma kienx il-fattur uniku. Dan ikkonfermah anki l-Harbour Master fix-xiehda tieghu. L-attur ma setax jopera minghajr il-kontribut u l-istruttura [li] pprovdiet is-socjeta` konvenuta. Fil-kaz odjern l-attur ghandu jitqies bhala l-pedina principali fl-operat tas-socjeta` konvenuta fis-salvatagg izda mhux bhala l-pedina unika u indispensabbli.

“Il-konvenuti ssosttomettew li ghalihom dak li ghamel l-attur kien bicca xoghol normali fil-kors ta’ l-impieg tieghu u mhux salvatagg (ara xiehda A. Cassar a fol. 131). Min-naha l-ohra l-attur isostni li hu kien ghamilha cara qabel bdiet l-operazzjoni li hu kien qed jikkonsidraha bhala ‘salvage’. Hu ma kienx impjegat tal-konvenuti imma kien jigi msejjah minnhom biex jaghmilha ta’ diver f’kazijiet specifici. Inoltre f’dana l-kaz ma kienx involut vapur tal-konvenuti u ghalhekk mal l-ewwel kien indika lill-konvenuti li dana kien salvagg. (ara fol. 143).

“*It is well established that Masters, individual officers or other members of the crew of an assisting vessel may successfully claim salvage rewards in their own right provided that they can individually (or jointly if they consolidate their claims) show that their claim(s) have merit and that the services they rendered personally contained all the necessary ingredients of proper salvage*”. (Maritime Law C. Hill 5th Edition page 350).

“Dawk il-persuni li jkunu hadu parti f’salvage ghandhom claim ghal reward li mhux relatat ma xi kuntratt ta’ impieg li dik il-persuna jkollha. Fil-kaz ta’ salvage hu jkun intitolat ghall-parti mill-award u mhux biss ghall-prezz tax-xoghol li

jkun ghamel. Fil-kaz odjern l-claim ta’ l-attur kien parti mill-claim tad-ditta konvenuta (joint claim) u l-arbitru kkonsidra kemm is-sehem ta’ l-attur kif ukoll is-sehem tal-konvenuti fl-operazzjoni u l-award inghata lilhom flimkien.

“Mill-provi prodotti ghalhekk jirrizulta li f’dan il-kaz l-inkariku ta’ l-attur kien imur oltre is-semplici xoghol normali ta’ bughaddas. Kull parti involuta fix-xoghol biex ma jeghreqx il-vapur ‘Argonaftis’ kienet taf mill-bidunett li l-operazzjoni kienet wahda ta’ ‘salvage’.

“Fil-figura ta’ salvatagg hemm element qawwi ta’ servigi li jmur lil hinn mis-semplici hlas tax-xoghol ezegwit:

“*Che la rimunerazione del salvaggio non si debba soltanto prendere sotto il punto di solo compenso del lavoro materiale, ma bensi e` mestieri considerarla sotto le diversi circostanze, che l’accompagnano, cioe` quelle dell’interesse pubblico, dell’interesse particolarmente nel commercio, del vantaggio, della sicurezza, che offre alla navigazione, alla vita delle persone addette al mare – considerazioni per cui tale servizio viene premiato in un senso lato e generoso ……. Si ritiene come massima generale, che una retribuzione, ossia un compenso ragionevole debba essere accordato dipendentemente da un potere discrezionale, da essere ezercitato secondo le circostanze e i meriti di ciascun caso……. Che nell’apprezzamento di servigi prestati nel salvaggio, fra le altre circostanze, bisogna aver speciale considerazione del grado dei pericoli, a cui era esposto il legno salvato e dai quali fu liberato; del modo, col quale si sono eseguiti I servigi, delle difficolta` incontrate; del rischio e dei pericoli, che hanno affrontato i salvatori nel prestare la opera loro, dell’alacrita` e prontezza spiegata, in fine del valore ricavato*” **(Decizjoni tal-Qorti tal-Kummerc datata 16 ta’ Mejju 1876 fl-ismijiet ‘Calcidonio Tabone et vs Negoziante Andrea Cassar’; u Kummerc 9 ta’ Ottubru, 1956 “Rear Admiral Jocelyn Stuart Cambridge Salter et vs Edward George Arrigo et noe.)**

“Fejn dawn l-elementi jirrikorru, il-kumepns ghas-salvatagg ghandu jkun ‘large and liberal’.

"L-attur qed jippretendi li hu ghandu jiehu porzjon minn dak li hadu Sartard u cioe` qed jippretendi terz ta' US$218,750.

"Il-Qorti taqbel li sehem l-attur ghandu jinhadem u jinghata fuq is-somma li rcevew Sartard. Ghalkemm l-attur ma kienx wahdu fl-operazzjoni u kien parti minn operazzjoni komplessiva ta' salvatagg, izda nonostante dana, hu kien il-pedina principali u kien l-aktar li rriskja hajtu, ghalhekk il-kontribut tieghu kien konsiderevoli u ghandu jircevi kumpens adegwat ghar-riskju li ha. Sartard ircevew US$218,750 u l-Qorti hi tal-fehma li l-attur ghandu jircevi kwart ta' dan l-ammont cioe` US$54,687."

**L-appell tal-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u b'rikors intavolat fl-20 ta' Meju 2003, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza billi tvarja dik il-parti fejn l-ewwel Qorti llikwidat l-ammont dovut lill-attur fis-somma ta' US$54687 (ekwivalenti ghal liri Maltin skond ir-rata ta' kambju fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni), u minflok tillikwida l-kumpens li ghandu jinghata lill-attur f'ammont ragjonevoli, ekwu u gust, bl-ispejjez kontra l-attur appellat.

Fir-risposta tieghu l-attur appellat issottometta li s-sentenza hija gusta u timmerita konferma.

**L-aggravji tas-socjeta` konvenuta appellanti.**

Ghalkemm fir-rikors ta' appell is-socjeta` konvenuta appellanti tirrileva l-irritwalita` tas-sentenza appellata in kwantu ma tinghata ebda raguni l-ghala l-attur gie akkordat l-ammont indikat fis-sentenza, fir-realta` kif jirrizulta mit-talba kontenuta fir-rikors ta' l-appell, u kif sewwa rilevat mill-kontro-parti, l-aggravju tas-socjeta` konvenuta appellanti huwa wiehed, billi t-talba tikkoncerna biss il-quantum tal-kumpens li l-attur ghandu jircevi minghand is-socjeta` konvenuta ghas-servizzi minnu prestati. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti hija prekluza

milli tikkonsidera u tesprimi ruhha fuq l-ewwel aggravju mressaq mis-socjeta` appellanti u cioe` dwar l-irritwalita` tas-sentenza.

Dwar l-ammont akkordat mill-ewwel Qorti lill-attur ghandu jinghad qabel xejn li dan l-ammont huwa certament rizultat ta' ezercizzju diskrezzjonali li ghamlet l-ewwel Qorti billi, kif sewwa gie rilevat mill-kontro-parti, l-arbitri fil-proceduri ghas-'salvage' ma ghamlu ebda spartizzjoni bejn id-diversi kompartecipanti fis-salvatagg tal-bastiment in kwistjoni, billi kieku kien hekk, dawn il-proceduri kienu jkunu superfluwi; u inoltre ma jezistu ebda kriterji xjentifici ghall-apporzjonament tal-quantum. Kien ghalhekk fid-dmir ta' l-ewwel Qorti li, wara li tiehu in konsiderazzjoni l-quantum akkordat lis-socjeta` konvenuta (li fih kien hemm inkluz dak li kellu jircevi l-attur) u wara li tiehu wkoll konjizzjoni tal-partecipazzjoni attiva u importanti ta' l-attur fl-operazzjoni ta' salvatagg, kif ukoll ghall-perikolu li ghadda minnu l-attur biex l-bastiment gie salvat, kellha tasal *arbitrio boni viri* ghall-ammont li ghandu jigi akkordat, rapprezentanti dan l-ammont proporzjon tat-total percepit mis-socjeta` konvenuta appellanti. Dan jidher li l-ewwel Qorti ghamlitu u fl-ammont li gie akkordat lill-attur jidher li apprezzat il-partecipazzjoni tieghu u dak kollu li kien relevanti.

Jigi rilevat ghal kull buon fini li 'salvage' huwa dovut kemm-il darba l-operazzjoni ta' salvatagg tirnexxi billi l-bastiment ma jithallix jeghreq. F'dan il-kuntest ghandu jigi apprezzat il-kontribut li ta l-attur ghax, kuntrarjament ghal dak li qed jigi suggerit mis-socjeta` konvenuta appellanti, bil-mezzi kollha provduti mill-istess socjeta` kif ukoll bl-impjegati kollha taghha, l-bastiment zgur ma kienx jigi salvat u l-operazzjoni ma kinitx tirnexxi jekk mhux ghall-partecipazzjoni attiva, riskjuza u determinanti ta' l-attur li ssogra hajtu meta dahal taht il-bastiment u ghamel dak kollu li kien mehtieg biex it-ticrit minn fejn kien qed jidhol l-ilma bahar jigi tappat. B'dana din il-Qorti mhux qed tghid, kif lanqas ma qalet l-ewwel Qorti, li l-partecipazzjoni tas-socjeta` konvenuta, bl-ingenji kollha taghha u bl-impjegati minnha provduti, ma kien iffisser xejn, izda kien ghalhekk li l-ewwel Qorti apporzjonat dak percepit mis-socjeta`

konvenuta permezz ta' l-'award' fi kwota ta' tlett kwarti lis-socjeta` konvenuta u kwart lill-attur. B'dan il-mod il-kontribut siwi ta' l-attur gie rikonoxxut fil-waqt li s-socjeta` konvenuta giet kompensata b'mod adegwat ghall-ispejjez minnha inkorsi u ghall-kontribut taghha fl-operazzjoni.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-aggravju mressaq mis-socjeta` konvenuta ma jirrizultax gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti qeghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez ta' din l-istanza ghas-socjeta` konvenuta appellanti. L-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data ta' l-ewwel sentenza, cioe` tas-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------